# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 539

L-Erbgħa, 17 ta' Novembru, 2021

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, f'nofsinhar (12p.m.)

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Alvin Grech – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

SKUŻATI:

Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

George Refalo – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-laqgħa.

## 539.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

539.1.1 Il-Laqgħa bdiet f'nofsihar(12p.m.). Intqalgħet it-talba tal-bidu. Wara d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija mibgħuta mingħand is-Sur Horace Vella u s-Sur Frankie Attard u l-Membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji rispettivi.

## 539.2 Berġa tas-Saħħa

539.2.1 Is-Sindku ta merħba lill-Membri preżenti filwaqt li rringrazzjahom talli attendew għal din il-Laqgħa b'urġenza li kellha tinżamm f'dan il-ħin partikulari tal-ġurnata.

539.2.2 Is-Sindku filwaqt li għarraf lill-Membri preżenti li l-Laqgħa mitluba mill-Kunsill Lokali Ta' Kerċem mas-CEO tal-*Primary Health Care* kienet inżammet b'mod remot nhar il-Ħamis, 11 ta' Novembru, 2021, stqarr ukoll li kienet qiegħda tissejjaħ din il-Laqgħa b'urġenza proprju minħabba li kien hemm żviluppi ulterjuri.

539.2.3 Infatti s-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-*Primary Health Care* qiegħda titlob li l-użu tal-Berġa ta' Ta' Kerċem mhux biss ma jiġix terminat hekk kif tinfetaħ il-Berġa tal-Belt Victoria, iżda kommessi li jekk jaċċetta l-Kunsill Ta' Kerċem jibqgħu jagħmlu użu mill-Berġa fil-futur minħabba li l-Berġa hija attrezzata b'kollox u matul il-pandemija nstabet li hija idonja sabiex mhux biss jingħata t-tilqim iżda ukoll sabiex jiġu esplorati l-possibiltajiet li jiżdiedu s-servizzi mill-istess Berġa mhux biss matul il-ħinijiet tal-ġurnata żda ukoll matul il-lejl.

539.2.4 Għaldaqstant, il-*Primary Health Care* qiegħda toffri li tħallas is-somma ta' €6,000 fis-sena sabiex tibqa' toffri s-servizzi eżistenti u aktar mill-Berġa ta' Ta' Kerċem.

539.2.5 Wara diskussjoni interessanti fejn ġie spjegat li s-somma mogħtija ġiet ikkalkulata fuq il-kirja li l-Kunsill Lokali kellu jidħol għaliha sabiex l-Għaqdiet tal-Lokalità jkollhom post alternattiv fejn jiltaqgħu minħabba li l-kamra ta' quddiem tal-Berġa ma tistax tintuża aktar minnhom kif kien jiġri fil-passat, il-Membri qabblu li l-istess Berġa għandha titħalla għall-użu tal-*Primary Health Care* għas-somma mogħtija biss tkun suġġetta għall-kuntratt li jiġi imġedded jew mod ieħor kull tlett(3) snin. Fuq proposta tas-Sur Alvin Grech kemm-il darba l-*Primary Health Care* deċiżi ukoll li l-użu tal-Berġa ser ikun għal aktar minn tlett(3) snin, ġie maqbul li l-istess Kuntratt ikun jippermetti li jiġi mġedded għal kemm-il tlett snin oħra, dejjem sakemm ikun

hemm qbil bejn il-partijiet kollha u sakemm ikun hemm il-ħtieġa tal-użu tal-Berġa sabiex jiġi *evitat* li noqgħodu niffirmaw wieħed kull tlett snin, dejjem sakemm hemm qbil ukoll fuq persentaġġ ta' kera li tiżdied kull tlett(3) snin.

539.2.6 Is-Sindku informa lill-Membri preżenti li matul il-Laqgħa hu kien saħaq ħafna dwar il-fatt li ġaladarba s-servizzi mogħtija mill-Berġa ser jiżdiedu u hemm il-ħsieb ukoll li anke jibdew jingħataw xi servizzi matul il-lejl, is-servizz ta' tabib u ta' emerġenza għar-residenti ta' Ta' Kerċem għandu jingħata l-ħin kollu sabiex ir-residenti Ta' Kerċem ma jkollhomx aktar il-ħtieġa li jirrikorru għal dawn is-servizzi mill-Berġa tal-Belt Victoria fl-istess waqt li l-Berġa tal-Lokalità tkun miftuħa biex tagħti servizzi lil Għawdex kollu għajr lir-residenti Ta' Kerċem.

539.2.7 Ukoll is-Sindku ppropona ukoll li, ġaladarba l-*Primary Health Care* għandhom il-ħsieb li jibdew joffru aktar servizzi mill-Berġa tal-Lokalità, fil-Laqgħa li ntalbet mas-Supretendent tal-Pulizija tad-Distrett ta' Għawdex, important ħafna li jiġi ċċarat il-futur tal-użu tal-Għassa tal-Pulizija fil-Lokalità sabiex l-użu ta' dan l-ispazzju jiġi rivedut mill-Kunsill Lokali kemm fl-aħjar interess tar-residenti tal-Lokalità li jinħtieġu post alternattiv fejn jiltaqgħu kif ukoll għal aktar servizzi mogħtija lir-Residenti Ta' Kerċem mill-*Primary Health Care* kif maqbul u kif propost.

539.2.8 Wara diskussjoni pjuttost twila fejn il-Membri qabblu mal-proposta kif imressqa mis-Sindku, fuq proposta oħra tas-Sindku il-Membri qablu ukoll li ġaladarba kollox jindika li l-*Primary Health Care* għandha ix-xewqa li tibda toffri mill-Berġa ta' Ta' Kerċem aktar servizzi li sal-lum ma jingħatawx, il-Kunsill Lokali għandu joffri d-dispożizzjoni tiegħu għal kull trattativa oħra sabiex mill-Berġa jingħataw dawk is-servizzi anċillari kollha li jħossu li għandhom jibdew jingħataw ġewwa Għawdex inkluż allura l-ħtieġa ta' aktar spazzju, kmamar jew ossia sulari sabiex il-Berġa ta' Ta' Kerċem tkun attrezzata skont il-ħtiġijiet kollha li l-*Primary Health Care* u ż-żminijiet tal-lum u li għalhekk il-Kunsill għandu f'każ ta' qbil jimbarka fuq proġett ta' tkabbir li jikkonsisti fil-bini tat-tieni sular taċ-Ċentru Ċiviku kemm-il darba l-ħlas tal-kera ulterjuri bejn il-partijiet ikun inkoraġġanti biex dan il-proġett ikun finanzjarjament vijabbli.

## 539.3 Materji Oħra

539.3.1 Is-Sindku informa lill-Membri Preżenti li fl-aħħar Laqgħa tar-Reġjun Għawdex issemma' kif il-Kongregazzjoni Anglikana ta' Għawdex jixtiequ li b'rabta mal-proposti *The Queen's Green Canopy Campaign* u *Prince Charles's "Treebilee"* sabiex jiġi ċċellebrat il-*Platinum Jubilee* tar-Renju tar-Reġina Eliżabetta II, ir-Residenti Ingliżi ġewwa Għawdex jixtieqU li joħolqu Masġar billi jħawwlu numru ta' siġar endemiċi u lokali bil-għan li dan il-monument ħaj jibqa' għal dejjem filwaqt li jfakkar dan l-Anniversarju., u li minħabba li fi ħdan ir-Reġjun Għawdex ġie deċiż li l-post fejn jista' jsir dan il-Masġar għandu jkun offrut u identifikat mill-Kunsill Lokali

ta' Għawdex, fil-granet li ġejjin mistennija tintbagħat korrispondenza lill-Kunsill Lokali li għandhom diġà lok identifikat fejn jista' jinħoloq dan il-Masġar fil-Lokalità tagħhom, fejn jiġu mistiedna sabiex jindikaw l-interess tagħhom sabiex ir-Reġjun Għawdex ikun f'pożizzjoni li jgħarraf b'dan lill-Kongregazzjoni Anglikana ta' Għawdex sabiex jinbdew id-diskussjonijiet dwar dan il-Masġar mal-Kunsill Lokali rispettiv.

Għalhekk, il-Membri qabblu li l-Kunsill Lokali Ta' Kerċem għandu jinforma lir-Reġjun Għawdex li għandu kemm-il post identifikat fejn jista' jinżamm dan il-Masġar.

539.3.2 B'rabta mal-Offerta għall-ġnien/park ġewwa l-Għadira ta Sarrafflu, is-Sindku informa lill-Kunsill li din l-offerta kienet għalqet il-ġurnata ta' qabel, 16 ta' Novembru, 2021 u li l-Kunsill ma kien irċieva l-ebda Offerta.

Wara diskussjoni interessanti fejn issemma' li l-Kunsill kien ingħata l-parir li jkun aktar għaqli jekk l-Offerta tkun maqsuma f'żewġ Offerti jiġifieri waħda għax-xogħolijiet biss u oħra għall-*Garden Furniture* u *Playing Field equipment* kemm sabiex waħda ma tikkundizzjonax lill-oħra filwaqt li l-Kunsill jingħata prezzijiet aktar vantaġġjuża, il-Membri qabblu li l-Kunsill għandu jippubblika mill-ġdid dawn l-Offerti kif rakkomandat jiġifieri separati.

539.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv saqsa jekk fid-dawl ta' dak kollu li ġie diskuss b'rabta mal-Berġa tas-Saħħa, fir-rigward taċ-Ċirkulati SPI/SCI/8/2021 mibgħuta u maħruġa mingħand id-Direttorat Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar finanzjament ta' Proġetti Kapitali għal aktar Aċċessibiltà u Mobilità li ġiet diskussa fl-aħħar Laqgħa, huwiex il-każ li l-Kunsill jikkunsidra li flok japplika sabiex il-bankini u l-passaġġi tal-Park ta' Qasam San Ġorġ ikunu aċċessibbli mill-persuni bi bżonnijiet differenti, jikkunsidra li japplika sabiex isir il-*lift* ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku sabiex it-tieni sular ikun aċċessibbli mill-persuni bi bżonnijiet differenti.

Wara diskussjoni interessanti ġie deċiż li ġaladarba din l-iSkema tagħlaq fis-27 ta' Diċembru, 2021, il-Kunsill għandu jiddeċiedi fuq liema huwa l-aktar proġett vantaġġjuż li japplika għalih taħt din l-iskema skont l-eżitu mid-diskussjonijiet li għadhom għaddejja mal-*Primary Health Care*.

## 539.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

539.4.1 Il-laqgħa ntemmet fis-1.07p.m. ta' wara nofsinhar u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa, 17 ta' Diċembru 2021 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi | George Refalo |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |